ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 317

Edizzjoni bil-Malti

Volum 54

29 ta’ Ottubru 2011

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 317/01 Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta’ Ottubru 2011 dwar l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka “Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel” ..... 1

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 317/02 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta’ dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet ([1]) ..... 4

2011/C 317/03 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.6352 – Vitol/VTTI/Arclight/Petro LUX) ([1]) ..... 8

MT

Prezz:
EUR 3

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

(*Ikompli fil-paġna li jmiss*)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 317/04 Rata tal-kambju tal-euro ........ 9

2011/C 317/05 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-setturi tal-laħam tat-tjur, tal-bajd u tal-albumina tal-bajd ....... 10

2011/C 317/06 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal ........ 11

V *Avviżi*

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 317/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6415 – Vendôme Commerces/CDC/Immeuble Toulon) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ........ 12

**Rettifika**

2011/C 317/08 Rettifika għall-Istedina lill-istituzzjonijiet akkademiċi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE (ĠU C 312, 25.10.2011) ........ 14

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-27 ta' Ottubru 2011**

**dwar l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fil-qasam tar-riċerka "Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel"**

(2011/C 317/01)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 181 tiegħu,

Billi:

(1) Id-disponibbiltà tal-ilma fi kwantitajiet suffiċjenti u ta' kwalità adegwata hija kwistjoni ta' prijorità għolja u hija sfida pan-Ewropea u anke tas-soċjetà globali.

(2) Bħala parti mill-istrateġija tal-Ewropa 2020, l-inizjattiva ewlenija deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fis-26 ta' Jannar 2011 "Ewropa effiċjenti fir-riżorsi – L-inizjattiva ewlenija fl-Istrateġija tal-Ewropa 2020" [1] tfakkar l-importanza tal-ilma bħala riżorsa naturali ewlenija li l-bażi tal-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tal-ekonomija globali u l-kwalità tal-ħajja tagħna. Barra minn hekk, l-inizjattiva ewlenija deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 "Ewropa 2020 Inizjattiva Prinċipali – Unjoni ta' Innovazzjoni" [2] tirrikonoxxi l-ilma bħala sfida għas-soċjetà li qed tikber u qasam ta' prijorità ta' innovazzjoni li jippermetti lill-Unjoni tikseb l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-ilma filwaqt li tiżgura status tajjeb tal-ilmijiet fil-livell ekoloġiku, kimiku u kwantitattiv, użu sostenibbli tal-ilma u tnaqqas l-impront ekoloġiku tagħha fuq l-ilma, ittejjeb is-sigurtà tal-ilma u tippromwovi t-tmexxija tal-industrija Ewropea tal-ilma madwar id-dinja kollha.

(3) Il-qabża bejn id-domanda u d-disponibbiltà tal-ilma madwar id-dinja kollha hija mistennija li tikber b'mod sinifikanti fl-20 sena li ġejjin. L-ibbilanċjar ta' din l-ekwazzjoni diffiċli tal-provvista u d-domanda tal-ilma, l-istabbiliment tal-prijoritajiet biex jiġi mmaniġġjat l-istress jew l-iskarsezza tal-ilma, u s-sosteniment tal-ekosistemi tal-ilma tagħna fit-tul, jeħtieġu azzjoni konkreta u bażijiet xjentifiċi u tekniċi b'saħħithom flimkien ma' kunsiderazzjoni sħiħa tal-kundizzjonijiet lokali ġeografiċi, politiċi, soċjoekonomiċi u kulturali. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni Ewropea qed tiżviluppa Pjan biex Tissalvagwardja l-Ilmijiet tal-Ewropa għall-2012, li se jistabbilixxi miżuri li jiżguraw ilma ta' kwalità tajba fi kwantitajiet suffiċjenti għall-użi leġittimi kollha fl-UE.

(4) Hemm ir-riskju li sal-2015 proporzjon sostanzjali mill-ilma ħelu tal-Ewropa ma jistax jilħaq l-għan ta' status ekoloġiku tajjeb stipulat bid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma [3]. Dan ir-riskju huwa minħabba għadd ta' fatturi u pressjonijiet differenti kif enfasizzati miż-ŻEE fir-Rapport tagħha tal-2010 dwar l-Istat tal-Ambjent. It-tniġġis tal-ilma jkompli jqajjem tħassib dwar is-saħħa pubblika, partikolarment rigward l-espożizzjoni għal kontaminanti ġodda, l-effetti tat-taħlitiet kimiċi misjuba f'ċerti ilmijiet Ewropej u riskji possibbli ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

(5) It-tibdil fil-klima huwa mistenni li jkollu impatti addizzjonali fuq l-ekosistemi tal-ilma Ewropej, li jirriżultaw fi skarsezzi iktar frekwenti tal-ilma, iktar nixfiet frekwenti u qawwija speċjalment fil-pajjiżi tal-Mediterran, u iktar perikli tal-għargħar madwar il-biċċa l-kbira tal-Ewropa.

(6) L-agrikoltura intensiva maħsuba biex tipproduċu iktar ikel u bijomassa tista' żżid id-domanda għall-ilma ħelu għal għanijiet ta' tisqija u b'hekk tpoġġi iktar pressjoni fuq ir-riżervi tal-ilma. Għandhom jiġu żviluppati malajr

---

[1] COM(2011) 21 finali.
[2] COM(2010) 546 finali.
[3] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

soluzzjonijiet fejn l-ilma jintuża b'mod intelliġenti, sabiex it-tisqija ssir iktar effiċjenti, jitnaqqas il-konsum tal-ilma u l-ħażniet tal-ilma ta' taħt l-art jiġu mmaniġġjati u ppreservati b'mod sostenibbli.

(7) Iż-żieda tal-urbanizzazzjoni u l-espansjoni tal-ambjent mibni, inkluż l-infrastrutturi tan-navigazzjoni u tal-enerġija, joħolqu bidliet idromorfoloġiċi li jkollhom impatt fuq l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' taħt l-art, il-ħabitats u aspetti oħra tal-bijodiversità. Approċċi tal-ippjanar iktar integrati jkunu ta' benefiċċju kbir. Dawn għandhom ikunu bbażati fuq sistemi ta' monitoraġġ affidabbli u valutazzjoni iktar olistika tar-relazzjonijiet ta' kawża u effett bejn il-bidliet fl-użu tal-art u l-ekosistemi tal-ilma.

(8) L-infrastrutturi tal-ilma fl-Ewropa qed isiru dejjem iktar vulnerabbli għall-ħsara minħabba iż-żmien, ħsara mill-iskavi, manutenzjoni insuffiċjenti jew tagħbija żejda. Huwa rrapurtat li t-tnixxija tal-ilma mis-sistemi tal-provvista f'partijiet tal-Ewropa hija sostanzjali, b'telf ta' ilma trasportat li jvarja bejn 5 % u 40 %.

(9) Is-settur tal-ilma Ewropew għandu importanza ekonomika għolja b'medja ta' rata ta' tkabbir ta' 5 % u dħul ta' madwar EUR 80 biljun fis-sena, li jirrappreżentaw madwar terz tas-suq dinji tal-ilma. Iktar kooperazzjoni strateġika fir-riċerka u l-innovazzjoni tal-ilma fl-Ewropa tista' twassal għal avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi li jistgħu jrawmu l-kompetittività Ewropea fis-swieq internazzjonali, jikkontribwixxu għal ċaqliq lejn ekonomija iktar effiċjenti fl-użu tal-ilma fl-Ewropa u għalhekk biex jinkisbu l-għanijiet tal-UE2020 iffukati mill-ġdid għal ekonomija iktar intelliġenti, iktar sostenibbli u iktar inklussiva.

(10) It-tisħiħ tal-bażi tal-għarfien xjentifiku u teknoloġiku fl-Ewropa huwa essenzjali biex jiġu indirizzati d-dimensjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi tal-isfidi tal-ilma.

(11) Filwaqt li madwar l-Ewropa qed issir riċerka eċċellenti, l-istampa Ewropea attwali fir-riċerka dwar l-ilma tidher li hija pjuttost kumplessa u frammentata ħafna. Ħafna netwerks u organizzazzjonijiet tar-riċerka fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali jiddefinixxu l-aġendi strateġiċi tagħhom għar-riċerka dwar l-ilma f'iżolament relattiv, u dan iwassal għal attivitajiet ta' riċerka li jirkbu fuq xulxin jew li jkunu f'kompetizzjoni li spiss ikollhom nuqqas ta' massa kritika.

(12) Minħabba li l-biċċa l-kbira tat-territorju Ewropew taqa' ġewwa baċini idrografiċi transkonfinali, hemm il-ħtieġa ta' kollaborazzjoni transkonfinali biex tintlaħaq il-massa kritika meħtieġa f'termini ta' kompetenza, attivitajiet u kapaċità istituzzjonali li jippromwovu użu iktar effettiv tal-potenzjal tar-riċerka Ewropea u biex jitrawmu soluzzjonijiet transkonfinali kompatibbli.

(13) L-ipprogrammar konġunt tar-riċerka dwar "L-Isfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel" għandu jikkontribwixxi għall-koordinazzjoni tar-riċerka f'dan il-qasam, u għal Żona Ewropea tar-Riċerka li tkun operattiva bis-sħiħ dwar l-ilma ħelu, billi isaħħaħ it-tmexxija tal-Ewropa u l-kompetittività tar-riċerka f'dan il-qasam, filwaqt li jappoġġa l-ksib tal-għanijiet tal-politika tal-Unjoni dwar l-ilma.

(14) Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2010 ([1]), il-Kunsill dwar il-Kompetittività rrikonoxxa "Sfidi tal-Ilma għal Dinja li qed Tinbidel" bħala qasam fejn l-ipprogrammar konġunt se jipprovdi valur miżjud ewlieni biex titnaqqas il-frammentazzjoni fl-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tar-riċerka. Għalhekk, huwa adotta konklużjonijiet li fihom għaraf il-ħtieġa li titnieda inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt dwar l-ilma ħelu u stieden lill-Kummissjoni tagħti kontribut fit-tħejjija ta' din l-inizjattiva. Il-Kunsill ikkonferma mill-ġdid ukoll li l-ipprogrammar konġunt huwa proċess li jmexxuh l-Istati Membri u li fih ir-rwol tal-Kummissjoni huwa li tiffaċilitah.

(15) Ir-riċerka dwar l-ilma hija qasam ewlieni fil-Programm Kwadru tar-riċerka tal-Unjoni, li għandha rwol strateġiku importanti fl-appoġġ tal-proċess tal-politika Ewropea, filwaqt li tikkunsidra d-dimensjoni globali tal-isfidi tal-ilma. L-attivitajiet fi ħdan din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt jeħtieġ li jkunu kkoordinati mill-qrib mas-7 Programm Kwadru u l-programmi futuri tal-Unjoni f'dan il-qasam, b'mod partikolari l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) "Orizzont 2020".

(16) L-analiżi tal-attivitajiet nazzjonali tar-riċerka deskritta fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tikkonferma li hemm il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar biex jiżdiedu l-effettività u l-impatt tar-riċerka, kif ukoll biex tiġi evitata d-duplikazzjoni permezz tal-iżvilupp ta' aġenda strateġika komuni.

(17) Biex jippermettu li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress magħmul mill-inizjattivi kollha għall-ipprogrammar konġunt, l-Istati Membri se jintalbu jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress li jsir fuq din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt.

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw viżjoni komuni dwar kif il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-qasam tar-riċerka fuq il-livell tal-Unjoni jistgħu jgħinu biex jilqgħu l-isfida li jiksbu sistemi sostenibbli tal-ilma għal ekonomija sostenibbli fl-Ewropa u lil hinn minnha u jikkapitalizzaw l-opportunitajiet ippreżentati minn din il-viżjoni komuni.

([1]) Il-konklużjoni tal-Kunsill 10246/10, http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/10/st10/st10246.en10.pdf

2. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżviluppaw aġenda strateġika komuni tar-riċerka operazzjonali, li tidentifika u tissettja l-ħtiġijiet u l-għanijiet medji u fit-tul tar-riċerka fil-qasam tal-ilma ħelu. L-istrateġija għandha tinkludi pjan ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-iskeda taż-żmien u li jispeċifika l-azzjonijiet, l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa biex tkun implimentata.

3. L-Istati Membri huma mħeġġa jinkludu l-azzjonijiet li ġejjin bħala parti mill-aġenda strateġika tar-riċerka u fil-pjan tal-implimentazzjoni:

(a) l-identifikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar il-programmi nazzjonali rilevanti, attivitajiet ta' riċerka u programmi tar-riċerka kkoordinati tal-Unjoni;

(b) it-tisħiħ tal-eżerċizzji konġunti dwar il-previżjoni u tal-kapaċitajiet għall-valutazzjoni teknoloġika;

(c) l-iskambju tal-informazzjoni, tar-riżorsi, tal-aqwa prattiki, tal-metodoloġiji u tal-linji gwida;

(d) l-identifikazzjoni ta' oqsma, ta' attivitajiet ta' riċerka jew ta' ttestjar pilota li jibbenefikaw mill-koordinazzjoni, mis-sejħiet konġunti għall-proposti jew mill-ġbir flimkien tar-riżorsi (inklużi r-riżorsi finanzjarji);

(e) id-definizzjoni tal-modi li bihom għandha titwettaq ir-riċerka b'mod konġunt fl-oqsma msemmija fil-punt (d);

(f) l-iżgurar tal-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji ma' skemi ta' riċerka u ta' innovazzjoni eżistenti fl-Unjoni, eż. il-Programm Kwadru, u inizjattivi relatati oħrajn għall-ipprogrammar konġunt, b'mod partikolari l-inizjattivi għall-ipprogrammar konġunt "Il-Koordinazzjoni tal-Għarfien dwar il-Klima għall-Ewropa", "Ewropa Urbana – Sfidi Urbani Globali, Soluzzjonijiet Ewropej Konġunti" u "Ibħra u Oċeani Sani u Produttivi";

(g) il-qsim, fejn xieraq, tal-infrastrutturi tar-riċerka eżistenti jew l-iżvilupp ta' faċilitajiet ġodda bħalma huma l-banek tad-dejta kkoordinati jew l-iżvilupp ta' mudelli għall-istudji tal-proċessi relatati mal-ilma;

(h) it-tħeġġiġ ta' kollaborazzjoni aħjar bejn is-settur pubbliku u dak privat, kif ukoll innovazzjoni miftuħa bejn l-attivitajiet tar-riċerka differenti u s-setturi tan-negozju relatati mal-ilma;

(i) l-esportazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-għarfien, tal-innovazzjoni u tal-approċċi metodoloġiċi interdixxiplinari, b'mod partikolari dwar ir-riżultati rilevanti għall-politika;

(j) l-iżvilupp tat-tfassil tal-politika fuq il-livell nazzjonali u tal-Unjoni abbażi ta' informazzjoni xjentifika u teknoloġika xierqa;

(k) il-ħolqien ta' netwerks bejn iċ-ċentri ddedikati għar-riċerka dwar l-ilma.

4. L-Istati Membri huma mħeġġa jżommu struttura effiċjenti ta' ġestjoni komuni fil-qasam tar-riċerka dwar l-ilma, li jkollha s-setgħa tistabbilixxi kundizzjonijiet, regoli u proċeduri komuni għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni u li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-aġenda strateġika tar-riċerka.

5. L-Istati Membri huma mħeġġa jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka b'mod konġunt permezz tal-programmi nazzjonali tar-riċerka tagħhom skont il-linji gwida għall-Kundizzjonijiet ta' Qafas fl-Ipprogrammar Konġunt żviluppati mill-grupp ta' livell għoli dwar l-Ipprogrammar Konġunt tal-Kunsill.

6. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mal-Kummissjoni bil-għan li jiġu esplorati inizjattivi possibbli tal-Kummissjoni li jassistu lill-Istati Membri biex jiżviluppaw u jimplimentaw l-aġenda strateġika tar-riċerka u biex jikkoordinaw il-programmi konġunti ma' inizjattivi oħra tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam.

7. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkooperaw mill-qrib mal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali (SFIC) fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' dimensjoni internazzjonali possibbli fl-aġenda strateġika tar-riċerka u biex jiżguraw il-koerenza mal-inizjattivi tal-SFIC ma' u fir-rigward ta' pajjiżi mhux tal-UE.

8. L-Istati Membri huma mħeġġa jirrapportaw b'mod regolari lill-Kummissjoni dwar il-progress li jkun qed isir f'din l-inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt permezz ta' rapporti annwali dwar il-progress.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Ottubru 2011.

*Għall-Kummissjoni*

Máire GEOGHEGAN-QUINN

*Membru tal-Kummissjoni*

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

**Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 317/02)

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 20.6.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | N 687/09 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | ERP Innovation Programme |
| Il-bażi legali | KfW-Gesetz, BGB I S.2427, Programmmerkblatt ERP-Innovationspro-gramme neu |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Impriżi ta' daqs żgħir u medju, Ir-riċerka u l-iżvilupp |
| Il-forma tal-għajnuna | Self b'rata ta' imgħax baxxa |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 305 miljun |
| L-intensità | 50 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2013 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | KFW<br>Palmengartenstr. 5-9<br>60325 Frankfurt<br>DEUTSCHLAND |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 23.5.2011 |
| In-numru ta’ referenza tal-għajnuna | SA.31154 (N 429/10) |
| Stat Membru | Greece |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Agricultural Bank of Greece |
| Il-bażi legali | Law ‘Support measures for the credit institutions in Greece’ (Commission Decision of 19 November 2008 in State Aid Case N 560/08, OJ C 125, 5.6.2009, p. 6) |
| It-tip tal-miżura | Għajnuna ad hoc |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |
| Il-forma tal-għajnuna | Injezzjoni ta’ kapital |
| L-estimi | […] (*) |
| L-intensità | — |
| It-tul ta’ żmien | — |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Ministry of Finance<br>Nikis Street 5-7<br>101 65 Athens<br>GREECE |
| Aktar informazzjoni | — |

(*) Confidential information.

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 1.6.2011 |
| In-numru ta’ referenza tal-għajnuna | SA.33006 (11/N) |
| Stat Membru | L-Irlanda |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Prolongation of the ELG Scheme until 31 December 2011 |
| Il-bażi legali | The Credit Institutions (Financial Support) Act 2008<br>The Credit Institutions (Eligible Liabilities Guarantee) Scheme 2009 as amended |
| It-tip tal-miżura | Skema ta’ għajnuna |
| L-għan | Għajnuna biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija |

| | |
|---|---|
| Il-forma tal-għajnuna | Garanzija |
| L-estimi | […] (*) |
| L-intensità | — |
| It-tul ta' żmien | 1.7.2011-31.12.2011 |
| Setturi ekonomiċi | L-intermedjazzjoni finanzjarja |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Department of Finance<br>Government Buildings<br>Merrion Street<br>Dublin 2<br>IRELAND |
| Aktar informazzjoni | — |

(*) Informazzjoni kunfidenzjali.

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 25.8.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33193 (11/N) |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Reġjun | Vlaanderen |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Regeling inzake Steun aan Projecten van Onderzoek en Ontwikkeling van het Bedrijfsleven in Vlaanderen<br><br>Régime d'aides en faveur des projets de recherche et de développement des entreprises en Flandre |
| Il-bażi legali | 1. Decreet van 18 mei 1999 betreffende het voeren van een beleid ter aanmoediging van de technologische innovatie, en vervangen door het decreet van 30 april 2009 betreffende de organisatie en financiering van het wetenschaps- en innovatiebeleid. (uitgevoerd bij Besluit van de Vlaamse Regering van 13 november 2009)<br><br>Décret du 18 mai 1999 relatif à une politique d'encouragement à l'innovation technologique, et remplacé par décret du 30 avril 2009 relatif à l'organisiation et au financement de la politique en matière de sciences et d'innovation<br><br>2. Besluit van de Vlaamse Regering van 12 december 2008 tot regeling van de steun aan projecten van onderzoek en ontwikkeling van het bedrijfsleven in Vlaanderen.<br><br>Arrêté du 12 décembre 2008 du Gouvernement flamand réglant l'aide aux projets de recherche et de développement des entreprises en Flandre |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Ir-riċerka u l-iżvilupp |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit annwali: EUR 114,86 miljun<br>Baġit globali: EUR 689,14 miljun |

| | |
|---|---|
| L-intensità | 80 % |
| It-tul ta' żmien | 5.10.2011-5.10.2017 |
| Setturi ekonomiċi | Is-setturi kollha |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Agentschap voor Innovatie door Wetenschap en Technologie (IWT)<br>Koning Albert II-laan 35b16<br>1030 Bruxelles/Brussel<br>BELGIQUE/BELGIË |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

---

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni | 20.9.2011 |
| In-numru ta' referenza tal-għajnuna | SA.33381 (11/N) |
| Stat Membru | L-Awstrija |
| Reġjun | — |
| Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju) | Förderung Schienenfahrzeugausrüstung mit ETCS Level 2 |
| Il-bażi legali | Sonderrichtlinien i. S. des § 40 Absatz 2 der allgemeinen Rahmenrichtlinien für die Gewährung von Förderungen aus Bundesmitteln (ARR 2004), BGBl. II 51/2004 i.d.F. BGBl. II 317/2009 |
| It-tip tal-miżura | Skema ta' għajnuna |
| L-għan | Żvilupp settorjali, It-twettiq ta' proġetti importanti ta' interess komuni Ewropew |
| Il-forma tal-għajnuna | Għotja diretta |
| L-estimi | Baġit globali: EUR 45 miljun |
| L-intensità | 50 % |
| It-tul ta' żmien | Sal-31.12.2014 |
| Setturi ekonomiċi | It-trasport fuq l-art u t-trasport permezz ta' pajpijiet |
| Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna | Bundesministerium für Verkehr, Innovation und Technologie<br>Radetzkystraße 2<br>1030 Wien<br>ÖSTERREICH |
| Aktar informazzjoni | — |

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/community_law/state_aids/state_aids_texts_mt.htm

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**

**(Każ COMP/M.6352 – Vitol/VTTI/Arclight/Petro LUX)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 317/03)

Fis-26 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm) fid-dokument li jġib in-numru 32011M6352. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Rata tal-kambju tal-euro [1]

**It-28 ta' Ottubru 2011**

(2011/C 317/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,4160 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3270 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 107,29 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4072 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4427 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,9975 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,87935 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7321 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,0182 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7588 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,2211 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 565,14 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 10,9515 |
| NOK | Krona Norveġiża | 7,6725 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 9,0058 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4955 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,700 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 12 448,30 |
| HUF | Forint Ungeriż | 300,35 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,3419 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | PHP | Peso Filippin | 60,423 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7040 | RUB | Rouble Russu | 42,2850 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,3250 | THB | Baht Tajlandiż | 43,245 |
| RON | Leu Rumen | 4,3115 | BRL | Real Brażiljan | 2,4082 |
| TRY | Lira Turka | 2,4716 | MXN | Peso Messikan | 18,5850 |
| | | | INR | Rupi Indjan | 69,0530 |

[1] *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-setturi tal-laħam tat-tjur, tal-bajd u tal-albumina tal-bajd**

(2011/C 317/05)

Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 533/2007 ([1]), (KE) Nru 536/2007 ([2]) u (KE) Nru 539/2007 ([3]) fetħu kwota tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti fis-setturi tal-laħam tat-tjur tal-bajd u tal-albumina tal-bajd. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2011 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2011 huma, għall-kwoti 09.4068, 09.4070, 09.4169, 09.4015 u 09.4402, aktar baxxi mill-kwantitajiet disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([4]), il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, ġew miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2012, u jidhru fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

([1]) ĠU L 125, 15.5.2007, p. 9.
([2]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 6.
([3]) ĠU L 128, 16.5.2007, p. 19.
([4]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

*ANNESS*

| Nru tal-ordni tal-kwota | Kwantità li għaliha ma tressqet l-ebda applikazzjoni u li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4068 | 4 005 400 |
| 09.4070 | 576 500 |
| 09.4169 | 8 332 500 |
| 09.4015 | 67 500 000 |
| 09.4402 | 6 023 223 |

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal**

(2011/C 317/06)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 ([1]) fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-laħam tal-majjal. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni introdotti matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2011 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2011, huma għall-kwoti 09.4038, 09.4170 u 09.4204, aktar baxxi mill-kwantitajiet disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ([2]), il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, ġew miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2012, u jidhru fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

([1]) ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13.
([2]) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

*ANNESS*

| Nru tal-ordni tal-kwota | Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Marzu 2012 (f'kg) |
|---|---|
| 09.4038 | 16 449 900 |
| 09.4170 | 2 361 000 |
| 09.4204 | 2 312 000 |

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Każ COMP/M.6415 – Vendôme Commerces/CDC/Immeuble Toulon)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/C 317/07)

1. Fl-24 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]), li permezz tagħha l-impriżi Vendôme Commerces (Franza) u Caisse des Dépôts et Consignations (Franza) jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt indirett tal-binja ta' ħanut kbir li jinsab fil-periferija tal-agglomerazzjoni ta' Toulon, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Vendôme Commerces hija kumpanija ċivili tal-proprjetà immobbli li tappartjeni għall-grupp Axa. Il-grupp Axa huwa attiv fil-protezzjoni finanzjarja,

— Il-Caisse des Dépôts et Consignations huwa stabbiliment pubbliku Franċiż li jwettaq missjonijiet ta' interess ġenerali fuq in-naħa l-waħda, u attivitajiet miftuħin għall-kompetizzjoni fuq in-naħa l-oħra,

— Il-binja tal-ħanut kbir tinsab f'La Valette du Var fl-agglomerazzjoni ta' Toulon (Franza). Din il-binja tintuża mid-ditta Printemps.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6415 – Vendôme Commerces/CDC/Immeuble Toulon, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

# RETTIFIKA

**Rettifika għall-Istedina lill-istituzzjonijiet akkademiċi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 312, tal-25 ta' Ottubru 2011)*

(2011/C 317/08)

F'paġna 10, il-punt 1:

*minflok:* "1. L-istituzzjonijiet akkademiċi huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat"). L-inklużjoni fir-Roster hija miftuħa għall-istituzzjonijiet akkademiċi kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tar-riċerka indipendenti, li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009 (fl-appendiċi).",

*aqra:* "1. L-istituzzjonijiet akkademiċi huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat"). L-inklużjoni fir-Roster hija miftuħa għall-istituzzjonijiet akkademiċi kollha, inklużi l-istituzzjonijiet tar-riċerka indipendenti, li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/207/KE tas-16 ta' Novembru 2009 dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE [1].

[1] ĠU L 88, 8.4.2010, p. 23.";

f'paġna 10, il-punt 5:

*minflok:* "5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet http://spportal/cariforum-eu u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-1 ta' Diċembru 2011.",

*aqra:* "5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet http://portal2.eesc.europa.eu/cariforum-eu u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-15 ta' Diċembru 2011.".

**Rettifika għall-Istedina lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 312, tal-25 ta' Ottubru 2011)*

(2011/C 317/09)

F'paġna 11, il-punt 1:

*minflok:* "1. L-organizzazzjonijiet nongovernattivi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp u l-ambjent, huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat"). L-inklużjoni fir- Roster hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2009 (fl-appendiċi).",

*aqra:* "1. L-organizzazzjonijiet nongovernattivi, inklużi l-organizzazzjonijiet tal-iżvilupp u l-ambjent, huma mistiedna jesprimu l-interess tagħhom li jiġu inklużi f'Roster ta' organizzazzjonijiet li se jkunu involuti fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE (minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-"Kumitat"). L-inklużjoni fir- Roster hija miftuħa għall-organizzazzjonijiet kollha li jissodisfaw il-ħtiġijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/207/KE tas-16 ta' Novembru 2009 dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE ([1]).

([1]) ĠU L 88, 8.4.2010, p. 23.";

f'paġna 11, il-punt 5:

*minflok:* "5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet http://spportal/cariforum-eu u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-1 ta' Diċembru 2011.",

*aqra:* "5. L-applikazzjonijiet kollha għar-reġistrazzjoni għandhom isiru permezz tal-formola tar-reġistrazzjoni li tinsab fis-sit tal-internet http://portal2.eesc.europa.eu/cariforum-eu u għandhom jaslu mhux iżjed tard mis-7 p.m. (ħin ta' Brussell) tal-15 ta' Diċembru 2011.".

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2011/C 317/09 | Rettifika għall-Istedina lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi biex jesprimu interess li jiġu involuti fil-Kumitat Konsultattiv Konġunt CARIFORUM-KE fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar Pożizzjoni Komunitarja fir-rigward tal-parteċipazzjoni fil-Kumitat Konsultattiv CARIFORUM-KE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, u dwar l-għażla tar-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet fil-Parti tal-KE (ĠU C 312, 25.10.2011) ...................... | 15 |


MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT